## Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Giovanni Grixti LL.M., LL.D**

Appell Nru. 334/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fabri)**

**(Spettur Rodrick Agius)**

**Vs**

**Elaine Muscat**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanta, Elaine Muscat, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 204981M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fit-18 ta' Marzu, 2013, ghall-habta ta' bejn 00:30hrs u 02:00hrs, gewwa Ta' Xbiex u f'dawn il-gzejjer, ikkommettiet serq ta' madwar €300, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bl-ammont li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232.94) izda ma

jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin u li sar ghad-detriment ta' *ommisis*;

2. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbet ghall-persuna ta' *ommisis* permezz ta' pepper spray u kkagunatlu griehi [*recte:* offiza] ta' natura hafifa skond ma iccertifika Dr. Mario Cilia mill-Isptar Mater Dei;

3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi tlajjat ghall-skop ta' prostituzzjoni;

4. Aktar talli fit-18 ta' Marzu 2013 kif ukoll fid-19 ta' Marzu 2013 f'dawn il-gzejjer naqset milli thares il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. Gabriella Vella LL.D fid-digriet taghha ta' nhar l-14 ta' Marzu 2012 li bih tat il-helsien mill-arrest taht depositu ta' €117 u garanzija personali ta' €5,000;

5. Aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kisret il-provvedimenti tal-Artiklu 7 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta imposti fuqha b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D datata 16 ta' Dicembru 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel;

6. Aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi saret ricediva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputata ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta. Kif ukoll sabiex tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-parti leza;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 ta' Gunju, 2015 li permezz taghha sabet htija biss fl-appellant ghar-rigward tas-serq akkumpanjat bl-aggravju tal-vjolenza, dak tal-valur u tal-hin, ta' offiza hafifa u talli kisret il-kundizzjoni ta' ordni ta' probation kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva u filwaqt illi ma sabitx htija fl-imputazzjonijiet l-ohra, komprizi dawk mizjuda mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju, kkundannat lill-appellanta ghal tlett snin prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Elaine Muscat, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Gunju, 2015 li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn sabitha mhux hatja, u tibdilha fejn sabitha hatja biex minflok issibha hatja ta' serq semplici aggravat bil-hin, u fi kwalunkwe kaz, tibdilha dwar il-piena billi tinghata wahda li aktar taghmel ghall-persuna tal-appellanti;

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma li fit-18 ta' Marzu 2013, *ommissis* ( b'ordni tal-Qorti tal-Magistrati kien projbit l-publikazzjoni ta' ismu) kien ghaddej mill-Gzira ghall-habta tal-11.15 ta' filghaxija fejn hemmhekk waqaf biex rikkeb mara. Huma saqu ghall-wara l-ambaxxata Ingliza gewwa Ta' Xbiex, hallasha ghoxrin euro sabiex tipprestalu servizzi sesswali u wara li kellhom x'jaqsmu flimkien innota illi €300 li kellu fil-

but ma kienux ghadhom hemm u ghalhekk minnufih akkuzaha li serqitlu l-flus. Malli qabdilha idejha, l-appellanta akkostatu bil-*pepper spray* u harget tigri mill-karozza tieghu, regga lura u nizel biex jitlobha l-flus, hadilha l-basket u beda jfittex go fih u bdiet tghajjat lill-certu Sandro u regghet akkostatu bil-*pepper spray.* Bil-biza huwa saq 'l hinn u waqaf lejn Hal Farrug ghaliex ma setax jara aktar, cempel lill-martu u qalilha li kien aggredit minn zewg persuni ta' karnaggjon skur;

2. Mitkellem mill-Pulizija, l-investigaturi minnufih innutaw li l-verzjoni tal-appellant dwar li kien aggredit minn zewg persuni ta' karnaggjon skur kienet dubjuza u ghalhekk ghazel illi jghidilhom ezatt dak li kien gara mal-appellanta. Kawza tal-incident, *ommisis* sofra offizi hfief kagun tal-*pepper spray* , u kagun ta' daqqa li qala f'xuftejh;

3. Fl-ewwel aggravju taghha l-appellanta targumenta illi li kellha tinsab hatja ta' serq akkumpanjat b'ferita [*recte:* offiza] hafifa kien japplika l-artikolu 274(c) u mhux 274(d) tal-Kodici Kriminali ghaliex il-*pepper spray* ma huwiex sustanza korroziva u ma jikkaguna ebda offiza hlief ftit dmugh ghal durata qasira. Dan l-argument ghalhekk jindirizza s-sejbien ta' htija fl-aggravju tal-vjolenza fir-reat ta' serq. L-artikolu 262 (1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi s-serq huwa kkwalifikat bil-"vjolenza" meta isir flimkien ma, *inter alia* offiza fuq il-persuna. L-artikolu 274(d) jipprovdi illi jekk l-offiza tkun hafifa u ta' importanza zghira u mhux maghmula b'wiehed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 217, il-piena tkun ta' prigunerija ghal zmien minn tmintax-il xahar sa tliet snin. Il-mezzi msemmija fl-artikolu 217 huma arma regolari, strument li jaqta' jew li jniggez, jew sustanza jew likwidu li jesplodi jew jahraq jew li hu korroziv. Il-kelma "jahraq" tirreferi ghall-sustanzi jew likwidi li kapaci joholqu nirien. It-test Ingliz infatti jirreferi ghall-"*any burning or corrosive fluid or substance"* u mhux ghall "*itching";*

4. L-appellanta izda m' ghandhiex ragun in rigward ghaliex ghalkemm *pepper spray*, sakemm ma jkunx pruvat mod iehor, mhux sustanza li tahraq jew korroziva, xorta wahda hija arma regolari u ghalhekk dak li hu rilevanti hu jekk l-offiza sofferta mill-parti leza

kienitx kommessa b'wahda mill-mezzi msemmija fl-artikolu 217. Qabel dan, izda, jokkorri jkun deciz jekk il-parti leza sofrietx offizi fuq il-persuna taghha jew le;

5. *Ommisis* xehed illi l-appellanta uzat il-*pepper spray* fuqu f'zewg okkazzjonijiet, l-ewwel darba fil-karozza u t-tieni darba malli hareg u hatfilha l-basket, oltre dan qala daqqa f'xuftejh. Kawza tal-*pepper* spray huwa ma setghax jara aktar anke jekk ghal perjodu qasir. It-tabib li kien ezamina lill-parti leza xehed illi l-*pepper spray* ghandu bhala konsegwenzi irritazzjoni fl-ghajnejn u skumdita', hmura u dmugh eccessiv. Issa jekk il-parti leza ghaddiet minn dan kollu, certament ma jistghax jinghad li ma sofriex offiza u li l-Avukat Generali, skond ir-rinviju tieghu qies bhala wahda hafifa;

6. Issa, ghal fini tal-aggravju tal-vjolenza fir-reat ta' serq ravvizat fl-artikolu 262(1)(a) tal-Kodici Kriminali, huwa irrelevanti jekk l-offiza tkunx saret qabel, waqt jew anke wara l-kommissjoni tar-reat principali bhala mezz sabiex tikkonkludi dik is-serqa. (ara in rigward l-insenjament tal-Prof. A.J. Mamo – Notes on Criminal Law – Revised Edition 1954-1955 pp 286). Ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tikkonkludi li l-appellanta kienet responsabbli ghal-serq aggravat bil-vjolenza, kif ukoll illi l-fatti dwar offiza hafifa fuq il-parte civili kienet assorbita fl-aggravju appena ezaminat;

7. Fit-tieni aggravju taghha l-appellanta tillanja li x-xhieda tal-parti leza li hu kellu fuqu xi €300 ma kienitx bizzejjed biex jirrizulta l-aggravju tal-valur. L-artikolu 267 tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi s-serq huwa ikkwalifikat bil-"valur" meta l-haga misruqa tkun tiswa aktar minn €232.94. Ezaminati l-atti processwali, ix-xhieda tal-parte civili mkien ma kienet kontradetta jew mod iehor mqieghda f'dubju mqar b'mistoqsija in kontro-ezami. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

8. Dwar it-tielet aggravju, l-appellanta tikkwerela l-fatt illi l-ferita [*recte:* offiza] saret wara li kienet gia sehhet is-serqa u ghaliex bezghet minnu meta kienet wahidha u bezghet li kien ser iweggaghha. L-istess

konsiderazzjonijiet maghmula supra fil-paragrafi 5 u 6 jghoddu ghall dan l-aggravju li konsegwentement qed ikun michud;

9. Targumenta ukoll l-appellanta illi l-*pepper spray* ma jikkawzax feriti u li l-artikolu 214 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li offiza trid iggib hsara fuq il-gisem. Anke hawn, l-appellanta ma ghandhiex ragun. Hsara fil-gisem jew fis-sahha hija offiza fuq il-persuna li fil-ligi taghna tista tkun wahda hafifa, hafifa u ta' importanza zghira, gravi jew gravissima. Is-Sub-titolu II tal-Kodici Kriminali – Fuq l-Offizi Volontarji Fuq il-Persuna, jitkellem dwar "offiza" u mhux dwar feriti – zball dan komunement riskontrat minn din il-Qorti. Fil-kaz hawn devolut, l-parti civili kellu l-vizjoni tieghu mxekkla ghal ftit hin minhabba irritazzjoni f'ghajnejh kawzat mill-*pepper spray* uzat mill-appellant. Oltre dan sofra daqqa f'xuftejh. Dan jinkwadra bhala offiza hafifa fuq il-persuna u ghalhekk anke dan l-aggravju qed ikun michud;

10. L-ahhar aggravju tal-appellanta huwa rigward il-piena kominat mill-ewwel Qorti bil-lanjanza illi kellha tkun applikabbli ghar-rigward ta' serq semplici aggravat biss bil-hin kif ukoll illi fiz-zmien in kwistjoni kienet ghaddejja minn problemi serji. Kwantu l-ewwel parti ta' dan l-aggravju, l-aggravju tal-"vjolenza" kif ukoll tal-"valur" irrizultaw konfermati u ghalhekk l-appellanta mghandhiex ragun in rigward. Kwantu ghat-tieni parti ta' dan l-aggravju, l-appellanta tghid illi ilha ghaddejja minn problemi serji li parti minnhom ilha ggorrhom minn tfulitha u parti mill-kumpanija li kellha. "Minhabba f'hekk dahlet fi problemi mal-gustizzja u hadet diversi kundanni u li kieku kellhom jingabru flimkien kienet tibbenefika mill-kontinwat". Il-Qorti ezaminat il-fedina penali tal-appellanta li hija bla dubju wahda raffrettarja. Mhix l-ewwel darba li din il-Qorti varjat il-piena kominata mill-ewwel Qorti meta inghatat raguni u prova cara ta' kambjament fil-hajja tal-hati. F'dan il-kaz izda ma ntqal xejn ghajr dak appena riprodott u ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena;

11. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud;